MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2006

Numru. 845/2004

PULIZIJA
SPETTUR KEVIN FARRUGIA
VS
RYAN ABDILLA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Ryan Abdilla, ta’ 16-il sena, bin Joseph Lewis u Marie Assunta nee’ Ellul, detentur tal-karta tal-identita’ numru 497986(M), u residenti 1, Silhouette, Triq l-Imsiebah, Mosta, u akkuzat talli fil-21 ta’ Frar 2004, ghal habta tas-sebgha ta’ filghaxija, fi Triq Vendome, kantuniera ma’ Vjal ir-Repubblika, Gharghur, saq vettura numru FAB456:

(1) b’manjiera traskurata

(2) naqas li jieqaf fejn kien hemm sinjal li jindika ‘stop’

(3) u aktar b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti, involontarjament ikkaguna offizi ta’

natura gravi per durata fuq il-persuna ta' Edward Calleja, skond kif iccertifika Dr Patrick Farrugia M.D. ta' S.L.H.
(4) u aktar meta kien involut f'incident tat-traffiku, naqas li jieqaf u meta kien mehtieg, naqas li jaghti l-partikolaritajiet tieghu u d-dettalji tal-vettura li kien qed isuq kif mitlub bil-ligi
(5) saq l-istess vettura minghajr ma kien licenzjat mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta
(6) u b'hekk ma kienx kopert b'polza tas-sigurta' dwar ir-riskji ta' terzi persuni.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat id-digriet tal-Qorti tal-Magistrati kif diversament preseduta tal-20 ta' Settembru 2004.

Rat li l-imputat ammetta ghal l-ewwel, it-tieni, it-tielet u s-sitt akkuza.

Rat il-verbal tat-18 ta' Frar 2005 fejn l-imputat wiegeb illi ma kienx hati tal-akkuzi kif dedotti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda ta' Brian Farrugia, Rapprezentant tal-Licensing and Testing Directorate, jirrizulta illi l-vettura FAB456 tal-marka Toyota Starlet ta' kulur griz hi propjeta' ta' Joseph Louis Abdilla, detentur tal-karta tal-identita' numru 754860(M), u ilha registrata hekk mis-17 t'Ottubru 1990.

Mix-xhieda ta' Roger Vhlenheut, irrizulta illi fil-21 ta' Frar 2004, waqt illi huwa kien qed jipparkja l-karozza tieghu fil-Gharghur, sehh incident meritu ta' din l-akkuza, xi hmistax-il metru boghod minn fejn kien hu. Sema' hoss kbir u ra karozza sewda 'hatch back' bil-hgieg skur u mutur bis-sewwieq mal-art, u din il-karozza harbet minn

fuq ix-xena tal-incident. Illi hu mar jaghti l-ghajnuna lis-sewwieq tal-mutur, u dan qallu illi r-'registration number' tal-karozza illi habtet fih kien zammu. Vhlenheut xehed illi huwa ma rax l-incident isir attwalment.

PS 226 Paul Bonanno xehed illi huwa kien gie nfurmat illi kien sehh incident awtomobilistiku fil-21 ta' Frar 2004 fis-sebgha ta' filghaxija go Triq il-Gharghur, Vjal ir-Repubblika, kantuniera ma' Triq Vendome, il-Gharghur. Illi ghalhekk huwa acceda fuq il-post u sab mutur bin-numru tar-registrazzjoni CBR929 li dak il-hin kien fl-art, u x-xufier li kien qed isuqu kien ghadu fuq il-post u kien imwegga'. Ghaldaqstant, huwa cempel ghall-ambulanza. Waqt illi kien fuq il-post, indikawlu li l-vettura illi laqtet dan il-mutur kienet karozza bin-numru FAB456.

PS Bonanno xehed illi informa lill-Ispettur Kevin Farrugia, u mid-'data' tal-Pulizija, sar jaf illi l-karozza FAB456 kienet tghajjat lil certu Joseph Louis Abdilla mill-Mosta. Is-Surgent Bonanno ghaldaqstant, baghat ghalih u Abdilla gie bil-karozza FAB456, u s-Surgent Bonanno flimkien mal-Ispettur Farrugia ccekjaw il-karozza halli jaraw xi hsarat kellha fuqha. Infatti, il-hsarat kienu minimi hafna u Abdilla qalilhom illi hu kien ipparkja l-karozza mal-genb tal-garaxx, kien dahal jiehu 'shower' u meta rega' ra l-karozza sab illi kienet qeghda gewwa l-garaxx. Minn hemmhekk, sar jaf illi t-tifel tieghu (l-imputat) illi kien saq il-karozza u li kien involut f'dan l-incident – l-imputat infatti kien ammetta fil-prezenza tal-Ispettur Kevin Farrugia.

L-imputat infatti stqarr illi waqt li kien ghaddej minn Triq Vendome, il-Gharghur, waqaf fuq l-'stop sign', sa dak il-hin ra mutur gej bis-sahha kbira, bi 'speed' tremend, minn Triq Vjal ir-Repubblika, u dan il-mutur tilef il-kontroll u s-sewwieq waqa' minn fuq il-mutur. Dan il-mutur baqa' jitkaxkar pero' ma laqatx il-vettura tieghu. L-imputat stqarr illi hu mbaghad qabad u saq minn fuq il-post.

Ix-xufier tal-mutur CBR929 pero' stqarr illi huwa kien ghaddej bi 'speed' moderat minn Triq Vjal ir-Repubblika u f'daqqa wahda hargitlu l-karozza FAB456 minn Triq Vendome minghajr ma' waqaf fuq l-'stop sign'. Illi

ghaldaqstant, huwa (is-sewwieq tal-mutur CBR929) tilef il-kontroll u baqa' diehel go fih. Il-mutur halla 'brake marks' ta' xi erbatax-il metru.

PS Bonanno esebixxa l-skizz tal-incident kif ukoll l-okkorrenza li jinstabu a fol 22 u 18 rispettivament. Is-Surgent Bonanno kkonferma illi s-sewwieq tal-mutur CBR929 filfatt kien wegga' gravi u kellu xi fratturi fi spalltu. Mistoqsi x'tip ta' mudell kien il-mutur, jghid illi huwa ma jifhimx fil-muturi pero' jaf illi kien mutur goff hafna, kbir hafna.

A fol 23, Paul Sciberras minn Gasan Mamo Insurance, ikkonferma illi l-karozza Toyota Starlet FAB456 kienet inxurjata 'fire and theft' mill-1 ta' Lulju 2003 sat-30 ta' Gunju 2004, u setghet tigi misjuqa minn persuni li ghandhom minn hamsa u ghoxrin (25) sena u 'l fuq. Huwa esebixxa l-'insurance policy' bhala dokument I li tinsab a fol 25.

Il-Qorti mbaghad rat il-verbal tad-Difiza, tal-5 ta' Mejju 2005, fejn l-imputat kif assistit, iddikjara illi *'Fil-konfront tal-kwerelant Calleja, kull pretenzjoni li Calleja kellu fil-konfront tal-imputat giet likwidata u mhallsa.'* Rat il-verbal ta' Dr Micallef Stafrace tal-istess data, fejn il-kwerelant ikkonferma l-verbal tad-Difiza, u rrinunzja ghal dak kollu li kien rinunzjabbli. Rat ukoll il-verbal tal-istess data fejn l-imputat <u>ammetta wkoll ghall-hames akkuza</u>.

Il-Qorti rat il-verbal tas-6 t'Ottubru 2005 fejn il-partijiet kif assistiti qablu *'Il-feriti li sofra l-kwerelant Edward Calleja fl-incident huma gravi per durata'* u ezentaw lill-Prosekuzzjoni milli tipprezenta t-tobba biex jixhdu dwar dan.

A fol 29, Edward Calleja xehed illi huwa kien is-sewwieq tal-mutur tal-marka Honda, bin-numru tar-registrazzjoni CBR929, u ddikjara illi huwa kien ghadu kemm telaq mid-dar tat-tfajla tieghu u kien niezel fi Triq il-Gharghur, meta **'f'daqqa wahda minn 'side road' harget karozza ghal fuqi.'** (ara fol 29).

Edward Calleja xehed illi huwa jiftakar illi kienet hargitlu karozza, ghafas il-‘brake’, skidja ftit u habat go din il-karozza u waqa’ mal-art u minn hemmhekk ra li l-karozza l-ohra telqet minn fuq ix-xena tal-incident. Calleja xehed illi kienu waqfu diversi persuni biex jaghtuh l-ghajnuna, u xi hadd cempel ghall-ambulanza. Calleja xehed illi huwa sofra minn fratturi tal-kustilji u kellu ‘a fractured shoulder blade’. Xehed ukoll illi huwa dahal lura ghax-xoghol xi erba’ gimghat wara.

Calleja kkonferma illi d-danni kollha fuq il-mutur tieghu, cioe’ ammont ta’ elf Lira Maltin (Lm1000), gie mhallas ukoll mill-imputat. In kontro ezami, Calleja kkonferma illi huwa kien nizel dritt fit-triq, illi qabdet u harget karozza minn fuq ‘stop sign’, u li hu ovvjament inhasad kif harget din il-karozza, ghafas il-‘brakes’, il-mutur skidja xi ftit u laqat il-karozza. Calleja kkonferma illi huwa tar minn fuq il-mutur wara l-impatt mal-karozza u mhux qabel. Calleja kkonferma illi ghalkemm il-mutur skidjalu xi ftit, hu baqa’ fil-kontroll tal-mutur (ara fol 33). Tant hu hekk li kieku ma kienx hemm il-karozza fin-nofs ma kienx jaqa’. Muri l-skizz dokument PS1, Edward Calleja kkonfermah. Qal ukoll illi kien ghaddej bi ‘speed’ ta’ bejn tletin u erbghin kilometru fis-siegha.

L-imputat Ryan Abdilla, a fol 36 et seq, xehed illi fil-21 ta’ Frar 2004 kien qed isuq Toyota Starlet FAB456, li hija propjeta’ ta’ missieru Joseph Louis Abdilla. Xehed illi dakinhar kien hasilha u mar dawra biha u dan minghajr il-kunsens ta’ missieru. L-imputat xehed illi dakinhar huwa kien niezel mit-triq tieghu, iltaqa’ mal-habib tieghu Melvin Mangion u rikeb mieghu. Xehed, a fol 37, illi huwa kien hiereg minn Triq Vendome, limiti tal-Gharghur, fejn hemm ‘stop sign’. L-imputat xehed testwalment hekk:

**‘Jien waqaft fuq l-‘stop sign’, harist ‘l fuq u ‘l isfel, kont cert illi ma kien gej hadd, qbadt hiereg bilmod, u ezatt kif hrigt minn dik il-liwja li hemm ftit ‘l fuq minn din it-triq, wiehed isib Triq ir-Repubblika, hemm kantuniera wkoll, u wara dik il-kantuniera gie mutur b’velocita’ qawwija, dawl rajt ghax kien diga’ dalam jigifieri u dan skidja ferm qabel jigifieri din il-**

**kantuniera…baqa' jitkaxkar jigifieri issa jien qbadt insuq ovvjament mill-ewwel u ma kontx cert jekk messnix jew le.'**

L-imputat xehed illi wara kien sab marka fuq ir-'running board', cioe' ta' taht il-bieba ta' wara. Apparti din, il-karozza ma garrbitx hsara (ara xhieda a fol 37). Wara l-impatt, l-imputat jghid illi huwa baqa' sejjer ghaliex ippanikkja hafna u beza'. Sussegwentement, gew il-Pulizija. L-imputat jghid illi meta gara l-impatt, huwa kien diga' hareg minn 'stop sign' wara li ha l-prekawzjonijiet kollha.

L-imputat, in kontro ezami, jghid illi meta hareg mill-'stop sign' huwa kien ghaddej bejn ghaxra u hmistax-il kilometru fis-siegha **'kont ghadni naqla' jigifieri'** (ara fol 39). L-imputat innega illi l-'speedometer' tal-karozza filfatt ma kienx qed jahdem, u fuq mistoqsija tal-Qorti jghid illi hu, ghalkemm kien ghadu kemm tghallem il-karozza, kien seraq il-karozza lil missieru biex isuqha darbtejn ohra qabel l-incident.

Mistoqsi mill-Qorti kif allura ssogra jiehu habib tieghu fil-karozza, l-imputat jirrispondi:

**'jien ovvjament meta kont inkun man-nies jigifieri kont naghti hafna kaz jigifieri xi nkunu qed naghmlu waqt is-sewqan u dan.' (ara fol 40).**

Mistoqsi kif qed isostni illi Calleja kien qed jiskidja qabel ma gie fil-kantuniera u kif seta' jara dan kollu, (ara fol 40), l-imputat jghid:

**'ghax kien gej bi 'speed' enormi huwa, 'it all happened all of a sudden' hux, dan kont ilhaqt hrigt u jien mill-mera mill-ewwel rajtu fuq genbi.'**

Infatti, a fol 41, l-imputat jghid dan il-kliem:

**'jien kif diga' qedtlek jien waqaft fuq l-'stop sign' u kif hrigt gie dan il-mutur bi 'speed' enormi jigifieri li kif hrigt ezatt jien dak il-hin ezatt gie, 'all of a sudden**

**happened', ma tantx kelli cans nieqaf nirriversja jew xi haga qed tifhem, ma stajtx kont diga' hrigt.'**

Mitlub mill-Qorti jghid kif qabad u telaq mix-xena tal-incident, meta s-sewwieq seta' korra gravi, l-imputat jghid is-segwenti, a fol 41:

**'Bzajt hafna, bzajt jiena u ppanikkjajt dak il-hin ma kontx naf jien x'qed naghmel u ovvjament jien il-papa' ma kienx jaf li jien hadtlu l-karozza.'**

Melvin Mangion, ta' sbatax-il sena, xehed illi huwa kien mal-imputat meta gara l-incident. Mistoqsi dwar kif gara l-incident, Melvin Mangion, a fol 43, jghid is-segwenti:

**'Jien kont fis-'seat' ta' hdejh (l-imputat), waqafna fuq l-'stop sign' u ccekja li mhu gej hadd, ma kien gej hadd, hrigna bilmod, dorna 'l isfel, u waqt li qeghdin induru, ma konniex dorna kollha 'l isfel, ftit kien fadal, rajt dawl qawwi gej go fina, skidja u waqaf, mhux waqaf, laqatna ftit maghna jigifieri.'**

Wara dan, Melvin Mangion jghid illi l-imputat u huwa ppanikkjaw, ikkonferma illi la hu (Melvin Mangion) u lanqas Ryan Abdilla ma kellhom licenzja tas-sewqan ghaliex it-tnejn kienu taht it-tmintax-il sena. Melvin Mangion xehed illi kienet l-ewwel darba illi akkumpanja lil Ryan Abdilla fis-sewqan.

Ikkunsidrat:

Mill-evidenza fuq moghtija, u b'mod specjali meta wiehed jezamina l-skizz dokument PS1 a fol 22 tal-process, wiehed jinduna li din il-kawza tirrigwardja kollizzjoni klassika bejn sewwieq fuq 'main road' u iehor li jkun hiereg minn triq sussidjarja fejn ikun hemm 'stop sign'. Huwa evidenti illi f'dan il-kaz, l-imputat illi huwa taht l-eta' u ghaldaqstant minghajr licenzja tas-sewqan, li seraq il-karozza ta' missieru, fl-istess inesperjenza fis-sewqan, hareg 'inadvertently' minn 'stop sign', intebah f'nofs it-triq illi kien gej mutur fit-triq principali, ippanikkja, u holoq dik l-imsejjha 'sudden emergency', fejn konsegwentement, is-

sewwieq tal-mutur skidja, baqa’ diehel fil-karozza, u tar minn fuq il-mutur. Dan kollu kkreja sens ta’ paniku u biza’ tremend fl-imputat, li meta ra s-sewwieq tal-mutur mal-art u koxxenti tal-fatt illi kien bla licenzja u kien qed isuq karozza minghajr il-permess ta’ missieru, ippanikkja u harab minn fuq ix-xena tal-incident, minghajr ma’ ta kaz tal-gravita’ o meno tal-griehi tas-sewwieq tal-mutur.

Illi l-verzjoni illi ta l-imputat mhi xejn kredibbli meta wiehed jistudja bir-reqqa l-skizz dokument PS1. Dan qed jinghad ghaliex il-‘brake marks’ juru bic-car il-linja preciza fejn il-mutur kien qieghed jigi misjuq; il-post fejn spicca straxxnat il-mutur huwa kwazi pjenament ‘on the proper side of the road’ tal-vittma tal-incident, u kieku l-impatt gara kif qed jghid l-imputat, u cioe’ meta dan kien diga’ lahaq dar u gie ‘on his proper side’, certament li l-mutur ma kienx jieqaf bl-impatt fejn filfatt hemm indikat fl-skizz, u l-hsarat fuq il-vettura tal-imputat kienu jkunu fuq il-parti ta’ wara tal-karozza.

Din il-Qorti tinstab b’mod partikolari perturbata bil-fatt illi l-imputat, minkejja illi ghandu biss sittax-il sena, ma gharafx jeghleb il-paniku tieghu u minghajr ma’ ta kaz tal-konsegwenzi serjissimi illi setghu eminaw mill-griehi illi sofra s-sewwieq tal-mutur, qabad u harab minn fuq ix-xena tal-incident. Il-Qorti tinstab b’mod iktar perturbata bil-fatt illi anke wara illi ghadda l-ewwel paniku, l-imputat ma gharafx almenu permezz ta’ telefonati anonimi, ghajjat ghall-ghajjut jew ghal xi ambulanza ghas-sewwieq tal-mutur.

Fortunatament, kien hemm xhud Zvizzeru (Vhlenheut) illi ta l-ewwel ghajjut u assistenza.

Il-Qorti wkoll kienet imhassba hafna fuq dan il-kaz, fis-sens illi l-imputat mhux biss kien lest jissogra lilu nnifsu u sewwieqa ohra fuq it-triq meta ddecieda li jsuq minghajr licenzja tas-sewqan u koperta b’polza ta’ assigurazzjoni, izda kien lest ukoll li jsogri habib tieghu li kien taht l-eta’, u ghaldaqstant, bla licenzja tas-sewqan ukoll.

In oltre, din il-Qorti ssib illi l-imputat saq vettura FAB456 b'manjiera traskurata, naqas illi jieqaf fejn kien hemm sinjal illi jindika 'stop', u aktar b'nuqqas ta' hsieb u traskuragni u b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna offiza ta' natura gravi per durata fuq il-persuna ta' Edward Calleja.

Ghaldaqstant, din il-Qorti ssib illi filfatt l-imputat saq l-istess vettura minghajr ma kellu licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita' tat-Trasport, u minghajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni.

Ghar-rigward tal-akkuza numru erba', huwa evidenti illi l-ligi torbot lil kull persuna illi jkun involut f'incident awtomobilistiku, jieqaf u jaghti t-taghrif tieghu u tal-vettura tieghu skond il-ligi. F'dan il-kaz, l-imputat mhux biss ma ghamilx dan, izda pperikola l-hajja tas-sewwieq meta ddecieda fil-paniku kbir tal-mument, illi jahrab minn fuq ix-xena tal-incident.

Il-Qorti madanakollu tifhem illi l-imputat huwa taht l-eta', illi c-cirkostanzi kollha ta' dan u l-inesperjenza mhux biss tas-sewqan izda l-inesperjenza tal-hajja, il-biza' kbir tal-korla tal-genituri, ikkontribwew sabiex l-imputat jasal biex jaghmel dak illi jaghmel.

Illi ghal dawn il-motivi, il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza, u wara li rat l-Artiklu 15(1)(a)(2) tal-Kap 65, Artikli 226, 37 u 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artiklu 3 tal-Kap 104, Sezzjoni E(a) ta' Part 2 tal-Legal Notice 94/69 u Reg 67 tal-Motor Vehicle Regulations 128/94 kif amendat, tikkundannah ghal hames xhur prigunerija sospizi ghal sena, waqt illi tissospendilu l-licenzja tas-sewqan ghal sentejn mid-data ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------